MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 314/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony R. Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony R. Borg talli fis-26 ta' Jannar, 2002 ghall-habta tal-10.00 pm bhala persuna li f'isemha ghandha l-licenzja tal-hanut ta' inbid, birra u xorb xorb spirituz bl-isem ta' "Axis" li jinsab go l-Aqua Sun Complex, St. George's Park, Paceville, San Giljan ippermetta tfal taht is-sittax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Anthony R. Borg mhux hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u illiberatu minnha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' Dicembru, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza d-dikjarazzjoni ta' astensjoni, maghmula fit-3 ta' April, 2003, ta' l-Imhallef li originarjament kien qed jisma' dana l-appell; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tad-29 ta' Lulju, 2003 u 24 ta' Ottubru, 2003; ikkunsidrat:

L-ewwel qorti lliberat lill-appellant ghax irriteniet li galadarba rrizulta bhala fatt li huwa kien biss il-*licencee* tal-fond izda la kien il-proprjetarju u lanqas il-*manager* tal-fond, ma kellu x'jaqsam xejn mal-gestjoni u mat-tmexxija tal-fond, u "ma ghandu ebda interess finanzjarju fid-dipartiment [recte: divertiment] jew f'dak li jidhol minnu", u ma jircevi xejn mill-hlasijiet li jsiru in konnessjoni mad-divertiment, allura l-appellat – dak iz-zmien imputat – ma kienx jinkwadra fid-definizzjoni ta' "proprjetarju" moghtija fir-regolament 2 tar-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (A.L. 124/1995). Skond l-appellant Avukat Generali, l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi in kwantu jirrigwarda t-tifsira legali tal-kelma "prorjetarju" moghtija fl-imsemmija regolamenti.

Ir-regolament 2 in kwistjoni jipprovdi li:

**…sakemm ir-rabta tal-kliem ma tehtiegx mod iehor…"proprjetarju" dwar kull divertiment tfisser il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli ghall-organizzazzjoni jew ghat-tmexxija tieghu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidhol minnu, u kull persuna li f'isimha jigu ricevuti hlasijiet ghal divertiment; u f'kaz ta' persuna guridika, il-frazi "proprjetarju" ghandha tinkludi wkoll lill-*manager* jew lil kull ufficjal principali iehor ta' dik il-persuna guridika.**

Ma hemmx kontestazzjoni li d-diskoteka "Axis" hija "lokalita` ta' divertiment" ghall-finijiet tal-A.L. 124/1995. Ir-

regolament 6 ta’ l-istess Avviz Legali jipprovdi li ebda persuna taht l-eta` ta’ sittax-il sena ma ghandha tithalla tidhol gewwa lokalita` ta’ divertiment[1]; li l-proprjetarju jkun responsabbli li jizgura li ebda persuna taht is-sittax-il sena ma tidhol f’tali lokalita`[2]; u li

**Meta tinsab xi persuna li ma tkunx ghalqet is-sittax-il sena f’lokalita` ta’ divertiment, il-proprjetarju tal-lokalita` ta’ divertiment ikun hati ta’ reat u, meta jinsab hati, jehel il-piena ta’ multa ta’ mitt lira ghal kull tali persuna b’zieda mal-piena li huwa jista’ jehel taht ir-regolament 15 ta’ dawn ir-Regolamenti.[3]**

Il-paragrafu (1) tar-regolament 15 jipprovdi, *inter alia*, li:

**Fil-kaz ta’ reati maghmulin minn proprjetarju jew l-impjegat tieghu kontra dawn ir-Regolamenti, il-qorti ghandha meta ssib persuna hekk hatja twahhal multa ta’ mhux anqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn erba’ mitt lira…**

Jinghad ghall-kompletezza li dawn ir-regolamenti saru in virtu` tal-poteri moghtija lill-Ministru responsabbli ghall-pulizija bl-Artikolu 203 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10).

Bhala fatt jirrizulta li fil-jum indikat fl-imputazzjoni certu Twain Cutajar, zaghzugh li kien ghadu ma ghalaqx is-sittax-il sena, kien mar ma’ hbieb tieghu fl-imsemmija dikoteka “Axis”. Bhala fatt jirrizulta wkoll li l-appellat ghandu f’ismu, pero` *“for and o.b.o. St George’s Ltd”*, il-licenzja tal-pulizija tal-post, licenzja li fost affarijiet ohra, tawtorizza lill-*licencee “to keep a hall for the holding of disco dances till 11.00 p.m. daily”*, *“to keep a hall for the holding of disco dances till 01.00 a.m.”* u *“to keep a hall for the holding of disco dances beyond 01.00 a.m. to 04.00 a.m.”*. L-appellat huwa Group Chief Executive ta’ Mercury plc, u St George’s Ltd tifforma parti minn Mercury plc wara li kien sehh *merger*. Huwa wkoll direttur tal-

[1] Regolament 6(1).
[2] Regolament 6(2).
[3] Regolament 6(4).

kumpanija St George's Ltd. Mercury plc u St George's Ltd huma l-proprjetarji tad-diskoteka in kwistjoni, pero` dawn kienu krew il-lokal lill-kumpanija Axis Limited. Bhala fatt ukoll l-appellat personalment ma jinvolvi ruhhu b'ebda mod fil-gestjoni tad-diskoteka, li hija effettivament immexxija minn certu Ian McCallagh u Jean Claude Alexander Borg Olivier, li t-tnejn ghandhom licenzja ta' *substitute* (ara d-deposizzjoni ta' PS 504 Silvio Ellul).

Issa, hu evidenti li meta l-ewwel qorti qalet li l-appellat ma kienx il-proprjetarju jew il-*manager* tal-fond, li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-gestjoni u tmexxija ta' l-istess, u li ma kellu ebda interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidhol minnu, <u>hija kienet qed tirreferi ghall-appellat biss fil-kwalita` tieghu personali</u>. Dan jirrizulta car mis-sentenza ta' l-ahhar fil-paragrafu qabel id-*decide* fejn dik il-qorti qalet:

**Hu [Borg] stqarr li huwa impjegat tal-Baruni Testaferrata b'salarju fiss u ma jircevi xejn mill-hlasijiet li jsiru in konnessjoni mad-divertiment.**

B'hekk dik il-qorti <u>injorat ghal kollox dik il-parti tad-definizzjoni ta' "proprjetarju" li tirreferi ghal persuna guridika</u>:

**…u f'kaz ta' persuna guridika, il-frazi "proprjetarju" ghandha tinkludi wkoll lill-*manager* jew lil kull ufficjal principali iehor ta' dik il-persuna guridika.**

Ma hemmx dubbju li l-appellat huwa ufficjal principali tas-socjeta` Mercury plc (apparti li hu wkoll direttur ta' St George's Ltd). Il-kwistjoni – li jidher li giet injorata kompletament mill-ewwel qorti – hi jekk Mercury plc jew St George's Ltd tikkwalifikax bhala "proprjetarju".

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li s-socjeta` St. George's Ltd tikkwalifika bhala "proprjetarju" fit-termini tad-definizzjoni moghtija fir-regolament 2 tal-imsemmija regolamenti. Id-divertiment in kwistjoni, veru, jigi organizzat direttament minn haddiehor – Axis Limited jew McCallagh jew Borg Olivier – pero` jigi organizzat in virtu`

tal-licenzja f'isem l-appellat *"for and o.b.o. St George's Ltd"*. Din il-licenzja tawtorizza lill-*licencee* specifikatament sabiex jimpjega fil-lokal kemm lil Jean Claude Alexander Borg Olivier kif ukoll lil Ian McCallagh[4] – iz-zewg persuni fizici li, skond l-appellat, huma responsabbli mill-lokal. Ir-raguni ghala l-licenzja tohrog fuq isem l-appellat jaghtiha l-istess appellat:

**Jien nghid li r-raguni ghaliex il-licenzja in kwistjoni hija mahruga fuq ismi hija li bhala kumpaniji ahna noqghodu attenti li l-licenzji johorgu f'isem persuna li jkun jew direttur jew *chief executive*, jigifieri jkun *principal officer* tal-kumpanija, biex nassiguraw li dawn jithallsu regolarment meta jiskadu.** [5]

Hu evidenti li jekk il-licenzja ma tithallasx meta u kif suppost, ma jkunx jista' jigi organizzat jew jitmexxa divertiment u – konsegwenza ovvja – jigi nieqes it-dhul minn tali divertiment, bil-konsegwenzi, inkluzi dawk finanzjarji, li jista' jkun hemm fir-relazzjonijiet bejn Mercury plc u St George's Ltd minn naha u Axis Limited u Borg Olivier u McCallagh min-naha l-ohra. Huwa f'dan is-sens li St George's Ltd ghandha "interess finanzjarju" fid-divertiment li jsir fil-lokal: hija l-istess socjeta` li ghazlet li zzomm dana l-interess finanzjarju fid-divertiment billi zzomm il-licenzja, li bis-sahha tieghu jigi organizzat l-istess divertiment, f'isimha.

Stabbilit dan, tibqa' biex tigi kunsidrata l-kwistjoni ta' jekk fil-fatt giex kommess reat, u f'kaz li r-risposta hi fl-affermattiv, x'ghandha tkun il-piena. Iz-zaghzugh Twain Cutajar, ghalkemm jammetti li dahal fid-diskoteka, ma jistax jinghad li instab (minn xi hadd) f'lokalita` ta' divertiment[6] ghall-fini tal-paragrafu (4) tar-regolament 6. Fir-regolamenti in kwistjoni anqas ma hemm xi disposizzjoni li tghid li l-prorpjetarju li jonqos mir-responsabbilta` tieghu taht il-paragrafu (2) tal-imsemmi regolament – cioe` li jonqos "li jizgura li ebda persuna taht

[4] Fil-kopja tal-licenzja – fol. 11 tal-atti – dan hu indikat bhala Ian James Calclough.
[5] Deposizzjoni tal-24 ta' Ottubru, 2003.
[6] It-test Ingliz, li forsi hu aktar car, jghid: "Where any person under the age of sixteen <u>is found</u> at a place of entertainment…"; sottolinear ta' din il-Qorti.

l-eta` ta' sittax-il-sena ma tidhol f'lokalita` ta' divertiment" – ikun hati ta' reat. Tali disposizzjoni, pero`, tezisti fil-Kap. 10. L-Artikolu 318 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, in fatti jipprovdi li:

**Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici, jew ta' ordni jew regolament moghti jew maghmul mill-awtorita` kompetenti, jew minn ufficjal pubbliku iehor, bis-sahha ta' dan il-Kodici, sew billi jaghmel dak li hu projbit li jaghmel, kemm billi jonqos li jaghmel dak li jkun ordnat li jaghmel[7], jew billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li jkun ordnat li jaghmel jew li jista' jaghmel jew billi jhassar jew igib fix-xejn dak li haddiehor ikun ghamel, taht id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici jew ordni jew regolament, jew b'xi mod iehor, isir hati ta' kontravvenzjoni.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk in-nuqqas ta' l-appellat f'dan il-kaz, cioe` li huwa naqas li jizgura li ebda persuna taht l-eta` ta' sittax-il-sena ma tidhol f'lokalita` ta' divertiment, hu maghmul reat – kontravvenzjonali – in virtu` tal-Artikolu 318 tal-Kap. 10. Il-piena hija dik prospettata fl-artikolu ta' wara, cioe` l-Artikolu 319(1). Din il-Qorti hi tal-fehma li r-reat in kwistjoni hu wiehed li jimmerita piena akbar minn dik tal-kontravvenzjonijiet – kif jipprovdi l-imsemmi Artikolu 319(1) – u dan ghaliex ir-regolamenti dwar dhul ta' minorenni f'lokalitajiet ta' divertiment ghandhom jigu skrupolosament osservati, u l-piena ghandha sservi ta' deterrent biex min hu obbligat bil-ligi li jara li dawn ir-regolamenti jigu osservati effettivament josservahom.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok issib lill-appellat Anthony R. Borg hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u, wara li rat ir-regolament 6(1)(2) tar-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment kif ukoll l-Arikolu 318 u 319(1) tal-Kap. 10, tikkundannah multa ta' tlett mitt lira (Lm300), konvertibbli

[7] "…whether by doing anything which he ought not to do or by omitting anything which he ought to do,…" fit-test Ingliz.

f'sittin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------